*terarja, iżda bħala ċittadini ma nistgħux ma nsemmgħux leħenna u ma nitqanqlux meta naraw ħaġa li tista' tisfa' ta' deni lil pajjiżna u lil niesna; għalhekk inħossuna fid-dmir li għallanqas nagħtu l-parir tagħna fejn jidhrilna li nistgħu nagħmlu ġid jekk insemmgħu l-kelma tagħna. Aktar lura taqraw memoradum li l-"Għaqda" bagħtet lill-Kummissjni li qiegħda tistħarreġ fuq l-istampa f'Malta. F'dak il-memorandum aħna ma ndħalniex fi kwistjonijiet politiċi, iżda żammejna sħiħ u ħaqqaqna fuq il-li jittieħdu passi ħalli jevitaw sistemi ta' kitba Maltija li joħolqu taħwid u tfixkil fil-qari Malti u hekk jitfgħu lura u jħarbtu l-letteratura tagħna.*

*Jiddispjaċina ngħidu li minn ftit taż-żmien 'il hawn bdew jidhru f'xi gazzetti u f'xi ktieb sistemi ta' kitba neqsin minn sisien xjentifiċi u milli jidher huma mqanqlin biss minn skopijiet politiċi. Kitba bħal din aktarx inħolqot biex tagħti bixra barranija lill-ilsien tagħna u għalhekk ma tiswiex għal ħaġ'oħra ħlief biex taqdi lil min għandu xi tir politiku f'rasu.*

*Iżda dik is-sistema ta' kitba, barra milli hi mtebbgħa u mgħabbra minn passjonijiet politiċi, tiswa ta' dannu għax tfixkel mhux ftit l-istruzzjoni f'Malta. Hu prinċipju fondamentali li t-tfal għandhom jitgħallmu u jeżerċitaw is-suġġetti b'sistemi uniformi; għalhekk ma jistax jonqos li t-tfal, u l-kbar ukoll, isibu ruħhom imfixklin meta jaqraw kitba miktuba b'sistema differenti minn dik li huma jkunu jitgħallmu fl-iskejjel. Jiġri li t-tfal fl-iskejjel jitgħallmu alfabet u sistema, imbagħad jeżerċitaw u jaqraw alfabet u sistema kuntrarji għal dawk li fuqhom ikunu tgħallmu. Din it-taħwida ġġib konfużjoni fl-imħuħ u tisfa' ta' dannu kbir għat-tagħlim tal-poplu, għalhekk minn taħt tkun qiegħda tisfratta dak it-tagħlim li għalih il-Gvern qiegħed jonfoq eluf ta' liri. B'hekk din il-kwistjoni ta' sistemi ta' alfabet u ortografija kapriċċużi, tieħu importanza kbira għax, barra li hi ribelli għall-ordnijiet tal-Gvern, minn taħt u bil-moħbi, tkun qiegħda tħassar u twaqqa' l-opri tiegħu, f'dan il-każ l-istruzzjoni popolari.*

*Minħabba n-nuqqas ta' spazju ma nistgħux niktbu fuq dan is-suġġett fit-tul daqs kemm xtaqna, imma jidhrilna li għidna biżżejjed biex niftħu l-għajnejn għall-ħsara lil pajjiżna li tista' tiġri minn konfużjoni fis-sistema tal-kitba Maltija u billi din il-konfużjoni, bħalma rajna, jista' jkollha effetti serji, tajjeb li i-Kummissjoni tieħu ħsiebha.*



**KORRISPONDENZA:**

## REVIŻJONI TAL-LIĠI TA' L-ISTAMPA

*Nippubblikaw hawn taħt l-ittra li nbagħtet mid-Direttur ta' "Il-Malti" b'isem il-"Għaqda" lill-Kummissjoni tar-Reviżjoni tal-Liġi ta' l-Istampa.*

29, Sta. Barbara Bastion
Valletta.
23 ta' Lulju,

Sinjur,

Bi tweġiba għall-ittra tiegħek ta' l-4 ta' dan ix-xahar dwar il-proposta ta' suġġerimenti ta' emendi fil-Liġi ta' l-Istampa, xtaqt ngħarrfek illi l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u l-organu tagħha "*Il-Malti*" għandhom skop li jmexxu 'l quddiem l-ilsien Malti u l-letteratura maltija, u għalhekk ma għandhom ebda interess li jipproponu emendi fil-liġi ta' skop politiku, burokratiku jew kummerċjali.

Il-"Għaqda" madankollu tilqa' kull proposta ta' xi emenda jew emendi minn kull banda bil-ħsieb li dawn jipprotieġu l-ġieh u l-moralità tal-kitba u kull emenda oħra li tista' ssir għal skopijiet oħra ta' fejda basta li dawna ma jkunux kontra l-interessi tal-"Għaqda" u tal-Lsien Malti jew ta' piż morali jew materjali għall-"Għaqda" u għall-Ilsien Malti.

Fl-aħħar il-"Għaqda" jidhrilha li tkun ħaġa wisq xierqa kieku ssir xi dispożizzjoni fil-liġi li bis-saħħa tagħha l-ortografija uffiċjali tal-Malti tkun ukoll imħarsa fl-istampa Maltija minn kull kittieb, editur ta' ġurnal jew dar editriċi. Din id-dispożizzjoni tkun tiswa biex tħaffef il-qari Malti, biex tevita taħwid u taħbil il-moħħ, u biex teħles lit-tfal ta' l-iskola mit-tfixkil li jsibu ruħhom fih meta jeħtiġilhom jaqraw kitba miktuba b'sistema differenti minn dik li huma jitgħallmu fl-iskejjel tal-Gvern.

Bil-qima kollha għoddni,
serv tiegħek,
(ft.) G. GALEA,
Direttur ta' *Il-Malti*.

Segretariu tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni
tal-Liġi ta' l-Istampa.